# MIKIEL ANTON VASSALLI

(*Jorbot mal-Għadd ta' Marzu, 1937, paġ. 32*)

Minn ta' Vassalli, wara l-pubblikazzjoni tal-Vanġelji fl-1829, ebda biċċa xogħol oħra ma dehret ħlief taħdita, taħt l-isem ta' *Stedina*, li kif jidher kienet waħda minn dawk il-bċejjeċ ta' kitba li kien ħalla wrajh Vassalli u li iktarx inġabret minn Schlienz mal-karti l-oħra kollha li kien sab f'daru malli dana miet.

L-ewwel ma wrieha d-dawl, u ġiebha bħala mudell ta' biċċa proża biex jagħti ħjiel ta' l-istîl Malti, kien George Percy Badger fl-Ittra li kien kiteb lill-Gvernatur Sir H.F. Bouverie fuq il-Malti bħala mezz ta' tagħlim fl-Iskejjel Primarji tal-Gvern (Malta 1841).

L-istess biċċa nsibuha wkoll bħala mudell ta' kitba Maltija f'daqsxejn ta' Grammatka Maltija miktuba bl-Ingliż, imsejħa *A Short Grammar of the Maltese Language* (Malta 1845) li kienet ħarġet wara xi erba' snin mill-Istamperija ta' M. Weiss.

F'din l-*Istedina* Vassalli jitħaddet fuq il-ħtieġa illi kull Malti jitgħallem għallinqas *jaqra u jikteb* ilsienu, bħalma jagħmlu nies ta' nazzjonijiet oħra li mxew il quddiem. Aħna ma nafux sewwa meta din it-taħdita kien kitibha u lanqas għalfejn u għal meta; iżda nistgħu ngħidu biss illi l-ħsieb u l-fehma ta' din it-taħdita nsibuhom f'moħħ Vassalli mill-ewwel sa l-aħħar, sew meta ħareġ l-ewwel Alfabet Malti fid-Dizzjunarju, kemm fil-Petizzjoni li kien għamel fl-aħħar żminijiet ta' l-Ordni biex jiftaħ skola għattagħlim tal-qari u kitba Maltija. Minn dak li jsemmi nifhmu illi din it-taħdita kitibha fl-aħħar żminijiet ta' ħajtu.

Biex nagħti daqsxejn ta' ħjiel ta' din il-kitba li Vassalli ħalla warajh sa nislet xi bċejjeċ minn għeluq din ittaħdita u b'hekk nagħlaq ukoll, u kif jixraq, il-ġrajjiet tal-Vassalli u l-istudju fuq ix-xogħol li ħallielna, li hu l-eqdem u l-isħaħ sisien tal-Kitba Maltija.

Hu jgħid: "Aktar minn erbgħin sena ili illi ħsibt, tħabatt u ħdimt fuq din il-ħaġa biex insewwiha, u nagħmel illi l-kitba tagħna tkun tista' ssir ħielsa u magħrufa; iżda t-toroq kollha kienu magħluqa. Oħrajn qabli kienu ħasbu u riedu jagħmlu dana, għax kienu raw bħali illi jinħtieġ. Huma għarfu minn qabli t-tbatija kbira li nbatu f'Malta sabiex nitgħallmu.... illi tgħallimna bil-maqlub,

illi mkien bħalna; kulħadd fid-dinja jibda jaqra u jikteb b'ilsienu, u aħna ndumu s-snin il-kbar nitgħakirku bla fejda, u ftit huma mbagħad dawk li joħorġu u bosta wisq iżjed jibqgħu ma jafu xejn u bla ebda qari. Dak li ma jiftieħemx jintesa.

Dana kollu niggeż lill-għorrief tagħna, fl-imgħoddi; imma billi ma setgħu qatt jagħmlu l-ewwel trieq, malli bdew u ma nifdux, kellhom iħallu minn dik is-siegħa li raw li ma kellhom dawl u ħila biżżejjed. Iżda l-ħajra u t-tħawtil tagħhom, jekk għalihom sar bâtal, it-telfien taż-żmien u t-tbatija l-kbira (li nbatu biex nitgħallmu) qanqluni, ħajruni u wettquli l-ħrara ta' qalbi biex nagħmel dmiri kollu u nsib it-tarf ta' din il-ħaġa hekk meħtieġa. Imbagħad bil-għajnuna t'Alla l-għażiż meddejt idejja, u għall-ewwel bħal agħma u bit-teftif fost iċ-ċpar u d-dlam, u bin-naqra ta' dawl li kelli, ftaħt it-trieq,u qajlqajla għaddejt il quddiem sa ma sebaħli u sibt ruħi fuq ir-riħ. Minn dak iż-żmien ħdimt, ktibt u rajt u ħejjejtilkom il-mogħdija miftuħa beraħ, li għaliha qiegħed nistedinkom."

* * *

U t-trieq li fetħilna Vassalli, għalkemm bil-ħaqq kollu kellha tmexxi sat-tarf lill-ħaddiema ta' wrajh fil-qasam tal-Kitba Maltija ma nistgħux ngħidu li fil-mija u tmien snin li għaddew mill-mewt tiegħu, kienet watja għal-kollox; bil-maqlub, l-istess xkiel li Missier il-Kitba Maltija kien sab u ġarrab, bl-imġiba qalila u ħarxa ta' l-egħdewwa tal-Lsien Malti, kellu wkoll iżomm f'nofs ta' trieq lil dawk il-ftit ħaddiema ta' wrajh, u kien hekk aħrax, li ġie waqtiet li qatgħu qalbhom, tmewtu għal kollox u rħew xogħlhom jintradam taħt it-tfigħ ta' ġebel li bih ħaġġruhom.

F'Vassalli, iżda, naraw il-qawwa tal-ħsieb ta' bniedem li baqa' jaħdem sa l-aħħar nifs ta' ħajtu, għalkemm fit-taqlib ta' xortih, taħt is-swat ta' għira u mibegħda, imqanqlin minn fehmiet politiċi kontra d-demokrazija nazzjonali li kienet tħeġġeġ fil-qalb żagħżugħa tiegħu, kellu għal 30 sena u fuqhom, ibati ħabs, igħix itturrufnat minn pajjiżu u mbagħad ibati l-ġuħ u l-għaks, huwa u wliedu, u jmut imżeblaħ u fqir u jindifen f'qabar illi fuqu l-id ħanina ta' min għaraf igħożżu beżgħet, saħansitra, tħalli tifkira ta' ismu !

Waħda mill-ħtijiet li jingħataw lil Vassalli hija l-għaliex is-sistema grammatikali tiegħu, ibda mill-Alfabet, kienet mibnija fuq sisien iktarx teoriċi milli prattiċi u mħabba f'hekk ma sabetx min jilqagħha, u beqgħet biss bħala doku-

ment ta' tifkira filoloġika ta' bla fejda fit-tagħlim tal-poplu. Iżda, għandna nistqarru li f'dawk iż-żminijiet, it-tagħlim grammatikali ta' l-ilsna, l-iktar tal-lsien Malti, illi l-grammatka tiegħu kienet għadha kif tinbena, kien iktarx imfassal fuq ir-reqqa tar-reguli u mhux fuq dak is-*sens prattiku* li jitnissel maż-żmien bit-taħriġ fil-kitba letterarja ta' l-istess ilsien. Iktar mill-ebusija ta' ras li kellu Vassalli li jibqa' mwaħħal mar-reguli etimoloġiċi u grammatikali ta' l-ilsna semitiċi, iktar min-nuqqas ta' *sens prattiku* li dan sata' jkollu, l-iżjed li għarraq u qatel is-sistema ta' Vassalli, u malqatla tas-sistema tiegħu il-mewt f'torbitha, tal-Kitba Maltija, li fuqha kellhom igħaddu fuq il-mitt sena biex din tarġa' tara d-dawl ta' ħajja ġdida, iktar minn dan kollu, kienu ċ-ċirkustanzi u ż-żminijiet li fihom għax Vassalli. U jekk il-lum nistgħu ngħidu li l-Malti ħa r-ruħ, irtifed, daħal fis-sehem u fil-jedd ta' l-ilsna mgħallma, miktuba, u mżejna b'daqsxejn ta' letteratura, nistgħu ngħidu bla ħabi u tlaqliq ta' xejn illi, barra mill-ħeġġa, ħidma, u sabar ta' nies li minn xi 40 sena 'l hawn ma stmerrux igħaddu mill-mogħdija li darba kien fetħilhom Vassalli u jissuktaw it-trieq biex jaslu fit-tarf, barra mix-xogħol qawwi u fejjiedi ta' dawn in-nies, għandna nistqarru illi biex il-Malti ssaħħaħ u twettaq fil-kitba u letteratura żagħżugħa tiegħu, kienu wkoll iż-żminijiet u ċ-ċirkustanzi.

Nistgħu ngħidu illi kieku ma kinux iż-żminijiet u ċ-ċirkustanzi, isem Vassalli l-lum lanqas ma kien ikollu għalfejn jitnaddaf mit-tieni għajb illi mħabba fih ħafna fost ulied Malta tal-lum ikemmxu xufftejhom malli jissemma ismu; ma ngħidux għall-ewwel għajb, jiġifieri għal dak id-dnub illi sa ftit snin ilu nies ta' l-iskola kienu jaraw fil-ħidma ta' Vassalli biex jibni l-kitba tal-lsien Malti. Minn dan il-għajb il-lum isem Vassalli nfeda waħdu għax iż-żminijiet tal-lum għamlu ħaqq mill-fehmiet tiegħu. Vassalli kien twieled wisq kmieni biex il-ħidma tiegħu jkollha l-għajnuna li ħtieġet u jitwettaq il-ħsieb tiegħu. Dawk kienu żminijiet ta' tagħlim kollu kemm hu msejjes fuq l-iskola tal-klassiċiżmu latin; dik il-ħabta l-istudju ta' l-ilsna volgari ta' nazzjonijet żgħar bħal Maltin ħadd ma sata' joħlom bih għalkemm il-għorrief ma kinux jistmerruh. Il-Malti dak iż-żmien sata' biss jidħol f'xi rokna ta' sehem it-tagħlim bħala biċċa fergħa ta' staħriġ akkademiku, jiġifieri bħala ħolqa ċkejkna ta' ħafna oħra li minnhom hi midmuma s-sensiela ta' l-ilsna qodma Orjentali li tagħhom dak iż-żmien kien inbeda xi studju fl-Ewropa fost ix-xjenzjati u l-iktar mill-*Propaganda Fide* ta' Ruma.

L-ewwel Grammatka Maltija ta' Vassalli kienet miktuba bil-Latin bħala lsien tal-għorrief ta' dak iż-żmien; hekk ukoll kitbu bil-Latin dawk li xi snin qablu kienu tkellmu fuq il-Malti bħala lsien Feniċ-Puniku jew Kartaġiniż, fosthom Arrigo Majo u Bellerman. Fil-*Lexicon*, barra mit-Taljan, Vassalli deherlu, għalhekk, li jdaħħal ukoll il-Latin għal kull tifsira ta' kelma.


Eccellenza

Michelantonio Vassalli del Zebug
Ore Umo. dell'Eccellenza Vostra umilmente espone:
dovergli questa ... per sempre; per il che à
bisogno d'alienare e vendere i suoi pochi beni,
supplica perciò l'Eccza. Vra. affinchè lo abiliti
e gli permetta il tempo e modo d'alienarli.

Petizzjoni ta' MIKIEL ANTON VASSALLI lil Ball, il-President tal-Gvern Provviżorju, magħmula fis-26 ta' Settembru, 1800, wara l-kundanna għat-turrufnament tiegħu minn Malta.

Kien daħal is-seklu dsatax meta Vassalli, għal skopijiet iżjed prattiċi,illi dak iż-żmien bdew iżjed jinħassu, kien ħareġ il-Grammatka Maltija, mfissra bit-Taljan li kien għadu waħdu bħala lsien li bih kull xogħol bħal dan ta' tagħlim sata' jinkiteb b'xi fejda għal idejn l-istudenti tal-pajjiż. Minn dak iż-żmien 'l hawn bil-mod il-mod beda jinbet il-bżonn li l-Malti jidħol u jixxerred fil-kotba tal-Knejjes, imbagħad flimkien ma' l-Ingliż, f'xi tagħlim fl-Iskejjel, fejn kemm-il-darba, mħabba l-biża' li dan jista' jkun il-mezz tal-qirda tat-Taljan, twarrab u tneħħa mill-kotba ta' l-Iskejjel fuq

kawtiela illi l-alfabet tiegħu jfixkel fil-qari ta' xi ilsna oħra li miegħu ma jaqblux, u li t-tagħlim tiegħu mhu ta' ebda fejda, iżda ta' telf ta' żmien.

Ladarba l-lum waslet is-siegħa illi l-Malti kellu jidħol għas-sewwa fl-Iskejjel b'tama illi t-tagħlim tiegħu, kulma ż-żmien igħaddi minn fuqu, għandu jitwettaq fil-jedd li ħa bħala lsien tal-poplu Malti, ladarba għal raġuni kostituzzjonali, muniċipali, letterarja, jew nazzjonali, prattika jew mhix, inħass il-bżonn illi l-Malti kellu fl-aħħarnett, bħala lsien tal-poplu, jidħol fil-Qrati, fl-Amministrazzjoni u fl-Iskejjel, aħna ma nistgħux ma nġibux quddiem għajnejna x-xbieha ta' Vassalli b'dak kollu li għadda minn fuqu, bix-xogħol kollu li ħadem għall-Malti. U l-ħsieb imur sew sew fuq dik is-Sejħa li hu kien għamel lin-Nazzjon Maltija fil-bidu tad-Dizzjunarju li ħareġ fl-1796 fejn, wara li wettaq l-ewwel ħsieb tiegħu li xogħlu sar għall-ġid ta' Pajjiż twelidu, wara li stqarr il-fehma tiegħu fuq il-fejda tat-tagħlim tal-Malti, wara li fisser ruħu illi jitfa' taħt saqajh it-tmaqdir ta' dawk li, bla ma huma mdawlin biżżejjed u mħarrġin fit-tagħlim tal-Malti, iżda b'għira, mibegħda jew għal xi għan ieħor, ħabtu mill-bidu jfixklu x-xogħol sħiħ tiegħu u jaqtgħulu jiesu bi tmegħir fieragħ, huwa fl-aħħarnett ifisser illi—għalkemm dak id-Dizzjunarju, bħala l-ewwel biċċa xogħol li fih għamel l-akbar tiftix tar-reqqa, jista' jkun fih xi nuqqas fit-tifsir ta' kliem—huwa jittama li jkun ta' fejda mhux biss għall-Maltin ta' żmienu, iżda għal dawk il-Maltin l-oħra li għad iridu jiġu wrajh wara żmien twil.

Il-ħolma ta' Vassalli donnha li l-lum għodda twettqet, iżda sabiex titwettaq għal kollox jaħtieġ li l-ewwelnett ma ninsewx li m'aħniex fiż-żminijiet ta' Vassalli, illi fih il-Malti sata' jgħaddi bħala *studju akkademiku* u xejn iżjed, u għalhekk, inqisu illi fit-tagħlim tal-Malti sew fl-Iskejjel Elementari, kemm f'Iskejjel Ogħla, u, saħansitra, jekk qatt fl-Università, immorru mal-ħtieġa taż-żminijiet; tagħlim ta' kitba, tagħlim ta' grammatka, tagħlim ta' letteratura Maltija għaliha, bla ma din tmiss u tingħaqad ma' studju ta' ilsna oħra sħabha li l-lum, jew għax mejtin jew għax għandhom bixra ta' taħriġ letterarju kollu kemm hu orjentali, ma jistgħux jagħtu lit-tagħlim tal-Malti ħlief għamla akkademika ta' ebda fejda letterarja u prattika għal pajjiżna, ħaġa li tista' aktarx tisfa' ta' ħsara milli ta' ġid.

Fuq kollox jinħtieġu tliet ħwejjeġ: il-fehma t-tajba ta' Vassalli u mħuħ li jixbhu lil tiegħu, iżda mbagħad dehen prattiku iżjed minn tiegħu.

TMIEM